# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 38 – IT-TLIETA 30 TA' ĠUNJU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ (Skużata – safar) |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 37

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Is-Sindku talab li ssir emenda f'para. 3.2 però ma kienx hemm qbil mas-suġġeriment tiegħu. Għaldaqstant kien hemm qbil li ma ssir ebda emenda.

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE mingħajr ebda emenda.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-proġett tal-bosk kien għadu għaddej. Fost oħrajn kienu bdew jitpoġġew il-*picnic tables* kif ukoll l-istruttura tal-logħob tat-tfal u nbeda l-madum tal-entratura. Xogħol pendenti li kien għadu jrid isir kien l-installazzjoni tas-CCTV's minħabba li l-post għadu bla *compliance certificate* u għaldaqstant ma fihx elettriku u għaldaqstant hemm ir-riskju li jekk jitpoġġew dawn jistgħu jinsterqu. Xogħol ieħor pendenti kien il-ħajt fl-entratura sabiex jagħlaq l-aċċess għall-ġnien wara l-ħin tal-għeluq. Sadanittant huwa informa li l-*Paying Agency* kienu aċċettaw li jagħtu estensjoni taż-żmien tat-tlestija. Din se tkun sal-aħħar ta' Settembru fejn sa dakinhar iridu jkunu ddaħħlu wkoll il-kontijiet kollha relevanti mal-proġett tal-bosk.

2.2 Is-SE infurmat li kienu għadhom qed jinġabu aktar kwotazzjonijiet għall-*air-conditioner* għal-librerija. Kien hemm qbil li għandha tgħaddi l-kwotazzjonijiet lill-Kunsilliera permezz tal-*email* sabiex jintagħżel il-kuntrattur bl-aħjar kwotazzjoni.

2.3 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet marret fuq il-post mal-*electrician* tal-Kunsill u se jsiru żewġ applikazzjonijiet għal dawl ġdid fi Triq l-Anzjani u Triq is-27 ta' April sabiex jiġu mgħoddija lill-Enemalta.

2.4 Fir-rigward tal-iskema għar-restawr ta' postijiet storiċi, is-SE infurmat li kienet iddaħħlet l-applikazzjoni għall-Iskola Primarja kif miftihem mill-Kunsill. Għal dan l-iskop kienet inġagħbet ukoll approvazzjoni min-naħa tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

2.5 Hawnhekk is-SE infurmat li dwar il-*hedge* għal Triq Gregorio Caraffa, għadhom qed jinġabu l-kwotazzjonijiet. Kienet se tieħu wkoll il-parir tas-Sur Alfred Baldacchino dwar x'tip ta' *hedge* seta' jintuża għal dan il-*planter*. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni tas-SE sabiex jitneħħa l-bużbież li ħiereġ minn mal-*hedge* li tinsab fuq wara ta' Binja Ġebel Dwejra u sabiex jinqata' l-*hedge* tal-*planter* ta' viċin il-*Club house*.

2.6 Is-SE infurmat li l-għada kienet se tinżamm laqgħa bejnha, is-Sindku, il-Periti, il-Kappillan u uffiċjal tal-Kurja rigward il-proposta tal-proġett tal-pjazza, skont kif diġà approvat mill-Kunsill.

2.7 Is-SE infurmat li kien ġie ppubblikat l-avviż għall-offerti tal-kustodju, tat-traqqigħ estensiv u kostruzzjoni ta' bankini u l-kwotazzjoni tal-librar/a. L-offerti kienu jagħlqu nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju f'nofsinhar. Hija fakkret lill-Kunsill li se jkollha bżonn tal-attendenza ta' żewġ kunsilliera għall-ftuħ tagħhom.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kien attenda għal laqgħa flimkien mal-Periti fl-uffiċċju tas-Seg. Parl. Ian Borg fejn dan kien spjegalu li minħabba l-kobor tal-proġett tal-Pjazza, mhux vijabbli li l-Kunsill jitfa' l-applikazzjoni waħdu. Għaldaqstant kien issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali sabiex ikun hemm garanti għall-20% tal-proġett. Is-Sindku informa li kien se jkun qed jagħmel laqgħat mal-Ministeri kkonċernati sabiex jitlob l-għajnuna neċessarja fir-rigward ta' dan il-proġett f'isem il-Kunsill kollu.

3.2 Is-Sindku informa li ma kienux saru *bookings* fl-uffiċċju tal-Kunsill għall-ġurnata Kemmuna għalkemm hu kien jaf b'xi residenti li kienu interessati jattendu. Hawnhekk il-Kunsilliera Bugeja infurmat li kien hemm numru żgħir ta' nies li kienu avviċinaw lilha u wrew interess li jmorru. Għaldaqstant kien hemm qbil li s-Sindku għandu jikkonferma jekk din il-ħarġa tistax issir mal-istess operatur għalkemm b'numru żgħir ta' parteċipanti.

3.3 Is-Sindku informa li kien ġab tliet kwotazzjonijiet għax-xogħol ta' żbir fi Triq l-Istazzjon. L-inqas kwotazzjoni kienet ta' Chris Gatt għal €580. Kien hemm qbil li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ. Hawnhekk is-SE ġiet mitluba mill-Kunsillier Mifsud sabiex tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur biex inaddaf l-iskips darba fil-ġimgħa kif stipulat fil-kuntratt għaliex fil-preżent dan ix-xogħol mhux qed isir b'mod regolari.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

## 5. *EUROPEAN REMEMBRANCE PROJECT – LET US NOT FORGET*

5.1 Is-Sindku informa li l-proġett li l-Kunsill kien applika għalih flimkien mal-Kunsilli tal-Isla (*lead partners*), Birgu, Bormla u numru ta' Kunsilli oħra fl-Italja, Litwanja u Latvja kien ġie approvat. Dan ifisser li matul is-sena d-dieħla 2016, il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa kien se jipparteċipa f'numru ta' attivitajiet barra minn Malta filwaqt li numru ta' barranin kienu se jattendu għall-attività ta' Military Mtarfa. Huwa spjega

wkoll li l-attività f'Malta kienet maqsuma fuq jumejn, fejn is-Sibt kienet se ssir attività ġewwa Dock 1 bejn it-tliet Kunsilli Maltin filwaqt li l-għada l-Ħadd kienet se tkun riservata għall-attività tal-Imtarfa.

## 6. *PLANTERS* FL-EKS *BARRACKS*

6.1 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li hemm mill-inqas żewġ *planters* li huma f'periklu kbir. Kien hemm qbil li s-SE għandha tagħmel spezzjoni fuq il-post mal-Perit kif ukoll mal-espert ambjentali Alfred E. Baldacchino sabiex jagħtu l-pariri tagħhom dwar x'għandu jsir fir-rigward.

## 7. ASSIKURAZZJONI GĦAL VJAĠĠAR BARRA MINN MALTA – *TRAVEL OPEN COVER SCHEME*

7.1 Is-SE infurmat li ma kinitx għadha rċeviet risposta mingħand l-assikurazzjoni u għaldaqstant se titlob stima għal assikurazzjoni individwali kemm għall-Iskozja kif ukoll għall-Iżvezja.

## 8. PROĠETT TAL-BOSK

8.1 Minbarra dak li ssemma' fil-bidu, is-SE infurmat ukoll li kien ġie nnutat li se jkollu jkun hemm varjazzjoni mill-ħsieb oriġinali minħabba li skont il-permess tal-MEPA, il-bankijiet tal-konkos fuq in-naħa ta' ġewwa ma jistgħux isiru. Għaldaqstant il-Kunsill approva li jiżdiedu aktar bankijiet bħalma saru madwar il-bosk bħala alternattiva.

8.2 Is-SE infurmat ukoll li kienet tpoġġiet kanna u 'l quddiem se jsir sprall quddiem il-garaxxijiet sabiex tittaffa l-problema tal-ilma fl-entratura. L-ilma se jibqa' sejjer direttament fil-ġiebja.

8.3 Is-SE infurmat ukoll li minħabba li kien hemm niżla qawwija ħafna biex wieħed jaċċessa l-bosk, kienet se tkellem lill-Periti biex issir evalwazzjoni ta' kif din it-triq tkun aktar aċċessibbli għal persuni b'diżabbilità. Il-Kunsill qabel.

## 9. INGAĠĠ TA' UFFIĊJAL EŻEKUTTIV MAL-KUNSILL

9.1 Is-SE infurmat li l-uffiċjal eżekuttiv il-ġdid, Katia Fenech, kienet bdiet l-ewwel ġurnata xogħol tagħha nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2015.

## 10. PUNTI OĦRA

10.1 Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jiltaqgħu mar-rappreżentanti tas-Sapport biex jaraw x'hemm bżonnijiet li jsiru u x'jista' jkun l-involviment tal-Kunsill fir-rigward tax-xogħlijiet fuq il-binja. Kien hemm qbil li fejn jista' l-Kunsill kien se jgħin fix-xogħlijiet meħtieġa permess tal-ħaddiema tal-IPSL.

## 11. Aġġornament

11.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2015 fis-7:30pm.

__________________________
**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

__________________________
**Daniel John Attard**
**Sindku**